



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 7 ta' Novembru 2023
(OR. en)

14316/23

LIMITE

CORLX 972
CFSP/PESC 1417
COLAC 127
COARM 274
FIN 1067

ATTI LEĠISLATIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2017/2074 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Venezwela

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2023/...

ta' ...

**li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2017/2074 dwar miżuri restrittivi
fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Venezwela**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fit-13 ta' Novembru 2017, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2017/2074¹.
- (2) Fl-10 ta' Novembru 2022, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2022/2201², li ġeddiet il-miżuri restrittivi fis-seħħ sal-14 ta' Novembru 2023, inkluż id-deżinjazzjonijiet kollha.
- (3) Il-Kunsill irrieżamina l-miżuri restrittivi fis-seħħ f'konformità mal-Artikolu 13 tad-Deċiżjoni (PESK) 2017/2074. Abbażi ta' dak ir-rieżami u b'kont meħud tal-kriżi politika, ekonomika, soċjali u umanitarja li għaddejjja fil-Venezwela u l-azzjonijiet persistenti li jdgħajfu d-demokrazija, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, il-miżuri restrittivi, inkluż id-deżinjazzjonijiet kollha, bl-eċċezzjoni ta' persuna waħda mejta, jenħtieġ li jiġġeddu sal-14 ta' Mejju 2024, u d-dikjarazzjoni tar-raġunijiet għal 16-il persuna jenħtieġ li tiġi aġġornata.
- (4) Dawn il-miżuri ma jaffettwawx il-popolazzjoni ġenerali u jistgħu jitreggħu lura fid-dawl tal-progress li jkun sar lejn ir-restawr tad-demokrazija, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem fil-Venezwela.
- (5) Għalhekk id-Deċiżjoni (PESK) 2017/2074 jenħtieġ li tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/2074 tat-13 ta' Novembru 2017 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Venezwela (ĠU L 295, 14.11.2017, p. 60).

² Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/2201 tal-10 ta' Novembru 2022 li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2017/2074 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Venezwela (ĠU L 292, 11.11.2022, p. 61).

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni (PESK) 2017/2074 hija emendata kif ġej:

- (1) Fl-Artikolu 13, l-ewwel paragrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:
"Din id-Deċiżjoni għandha tapplika sal-14 ta' Mejju 2024."
- (2) L-Anness I huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data wara dik tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi...,

Għall-Kunsill

Il-President

ANNEX

Anness I tad-Deċiżjoni (PESK) 2017/2074 huwa emendat kif ġej:

- (1) Fil-lista ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet u korpi, l-entrata 3 titħassar; u
- (2) l-entrati 2, 7, 8, 11, 14, 16, 19, 21, 23, 24, 25, 29, 31, 38, 51 u 53 huma sostitwiti bl-entrati li ġejjin:

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
"2.	Gustavo Enrique GONZÁLEZ LÓPEZ	Data tat-twelid: 2 ta' Novembru 1960 Sess: raġel	Maħtur mill-ġdid Direttur Ġenerali tas-Servizz Nazzjonali tal-Intelligence Bolivarjan (SEBIN) fit-30 ta' April 2019. Konsulent dwar is-Sigurtà u l-Intelligence tal-President Maduro minn Jannar 2019 u Direttur Ġenerali ta' SEBIN minn Frar 2014 sa Ottubru 2018. Matul iż-żminijiet li serva bħala direttur ta' SEBIN, uffiċjali taħt l-awtorità aħħarija tiegħu wettqu atti ta' detenzjoni arbitrarja, tortura u trattament krudili u inuman, inkluż vjolenza sesswali, fiċ-ċentru ta' detenzjoni ta' El Helicoide. Bħala Direttur Ġenerali ta' SEBIN, huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem inkluż detenzjoni arbitrarja, trattament inuman u degradanti, u tortura u r-repressjoni tas-soċjetà ċivili u l-oppożizzjoni demokratika fil-Venezwela.	22.1.2018

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
7.	Diosdado CABELLO RONDÓN	Data tat-twelid: 15 ta' April 1963 Sess: raġel	Membru tal-Assemblea Nazzjonali mhux eletta demokratikament, eks President tal-Assemblea Kostitwenti u l-Ewwel Viċi President tal-Partit Soċjalista Magħqud tal-Venezwela (PSUV). Involut fid-dgħajfen tad-demokrazija u l-istat tad-dritt fil-Venezwela u r-repressjoni tas-soċjetà ċivili u l-oppożizzjoni demokratika, inkluż bl-użu tal-media biex tattakka u thedded pubblikament l-oppożizzjoni politika, media oħra u s-soċjetà ċivili u l-għoti ta' ordnijiet biex jinżammu individwi, inkluż lis-Servizz Nazzjonali tal-Intelligence Bolivarjan (SEBIN).	22.1.2018
8.	Tareck Zaidan EL-AISSAMI MADDAH	Data tat-twelid: 12 ta' Novembru 1974 Sess: raġel	Eks Viċi President tal-Ekonomija u eks Ministru għall-Enerġija Popolari taż-Żejt kif ukoll l-Industrija u l-Produzzjoni Nazzjonali. Bħala l-eks Viċi President tal-Venezwela b'sorveljanza tad-direzzjoni tas-Servizz Nazzjonali tal-Intelligence Bolivarjan (SEBIN), Tareck El-Aissami huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem imwettqa mill-organizzazzjoni, inkluż detenzjonijiet arbitrarij, investigazzjonijiet motivati politikament, trattament inuman u degradanti, u tortura. Huwa wkoll responsabbli għall-appoġġ u l-implimentazzjoni ta' politiki u attivitajiet li jdgħajfu d-demokrazija u l-istat tad-dritt, inkluża l-projbizzjoni ta' dimostrazzjonijiet pubbliċi, u t-tmexxija tal-"kmand anti-coup" tal-President Maduro li kellu fil-mira s-soċjetà ċivili u l-oppożizzjoni demokratika.	25.6.2018

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
11.	Iván HERNÁNDEZ DALA	Data tat-twelid: 18 ta' Mejju 1966 Sess: raġel	Maġġur Ġeneral fil-FANB. Direttur Ġenerali tal-Counter-Intelligence Militari (DGCIM) minn Jannar 2014 u Kap tal-Gwardja Presidenzjali minn Settembru 2015. Bħala l-Kap tad-DGCIM, Iván Hernández Dala huwa responsabbli għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili u l-oppożizzjoni demokratika u għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem imwettqa minn membri tad-DGCIM taħt il-kmand tiegħu, inkluż tortura, l-użu ta' forza eċċessiva u l-maltrattament tad-detenuati.	25.6.2018
14.	Sandra OBLITAS RUZZA	Data tat-twelid: 7 ta' Ġunju 1969 Sess: mara	Ministru għall-Edukazzjoni Universitarja. Eks Rettur tal-Universidad Bolivariana de Venezuela. Eks Viċi President tal-Kunsill Elettorali Nazzjonali (CNE) u eks President tal-Kummissjoni tar-Reġistru Elettorali u Ċivili. Responsabbli għall-attivitajiet tas-CNE li dgħajfu d-demokrazija fil-Venezwela, inkluż bil-faċilitazzjoni tal-istabbiliment tal-Assemblea Kostitwenti illeġittima u bil-manipulazzjoni tal-proċess elettorali.	25.6.2018

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
16.	Katherine Nayarith HARRINGTON PADRÓN	Data tat-twelid: 5 ta' Diċembru 1971 Sess: mara	President taċ-Ċirkwit Ġudizzjarju Kriminali taż-Żona Metropolitana ta' Caracas. Eks Viċi Prosekutur Ġenerali (titolu tradott ukoll bħala Viċi Avukat Ġenerali) minn Lulju 2017 sa Ottubru 2018. Maħtura Viċi Prosekutur Ġenerali mill-Qorti Suprema minflok mill-Assemblea Nazzjonali, bi ksur tal-Kostituzzjoni. Responsabbli li dgħajfet id-demokrazija u l-istat tad-dritt fil-Venezwela, inkluż billi tat bidu għal prosekuzzjonijiet politikament motivati u naqset milli tinvestiga allegazzjonijiet ta' ksur ta' drittijiet tal-bniedem mir-reġim ta' Maduro.	25.6.2018
19.	Néstor Neptali BLANCO HURTADO	Data tat-twelid: 26 ta' Settembru 1982 Numru tal-identità: V- 15222057 Sess: raġel	Kmandant fiż-żona ta' counter-intelligence militari Nru 32 fir-reġjun ta' Los Llanos. Bħala Maġġur fil-Gwardja Nazzjonali Bolivarjana (GNB), opera flimkien ma' uffiċjali fid-Direttorat Ġenerali tal-Counter-Intelligence Militari (Dirección General de Contrainteligencia Militar (DGCIM)) tal-inqas minn Diċembru 2017. Responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż tortura, l-użu ta' forza eċċessiva u l-maltrattament tad-detenuți fil-faċilitajiet tad-DGCIM.	27.9.2019

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
21.	Carlos Alberto CALDERÓN CHIRINOS	Numru tal-identità: V- 10352300 Sess: raġel	Uffiċjal bil-kmand mill-elit tal-Pulizija Nazzjonali tal-Venezwela (PNB/FAES). Eks uffiċjal għoli (imsejjaħ Kummissarju Ġenerali, Direttur ta' El Helicoide u Direttur ta' Investigazzjonijiet Strateġiċi) fis-Servizz Nazzjonali tal-Intelligence Bolivarjan (SEBIN). Uffiċjali tad-Direttorat għall-Investigazzjonijiet Strateġiċi taħt is-superviżjoni tiegħu wettqu detenzjonijiet illegali, atti ta' tortura u trattament ħażin ieħor, u vjolenza sesswali u dik abbażi tal-ġeneru. Responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż tortura, l-użu ta' forza eċċessiva u l-maltrattament tad-detenuati fil-faċilitajiet tas-SEBIN. B'mod partikolari, huwa pparteċipa u huwa responsabbli għal atti ta' tortura u għat-trattament krudili, inuman u degradanti tad-detenuati f'El Helicoide, ħabs tas-SEBIN.	27.9.2019

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
23.	Rafael Antonio FRANCO QUINTERO	Data tat-twelid: 14 ta' Ottubru 1973 Numru tal-identità: V-11311672 Sess: raġel	Brigadier Ġeneral tal-Armata Nazzjonali Bolivarjana tal-Venezwela (FANB). Uffiċjal fis-Servizz tal-Intelligence Nazzjonali Bolivarjan (SEBIN). Kap tas-Sigurtà fl-Ajruport Internazzjonali ta' Maiquetía minn Awwissu 2019. Direttur tad-Direttorat Speċjali tal-Investigazzjonijiet Kriminali u Kriminalistiċi (DEIPC) u fid-Direttorat Ġenerali tal-Counter-Intelligence Militari (Dirección General de Contrainteligencia Militar (DGCIM)) bejn Novembru 2016 u Novembru 2018. Responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż tortura, l-użu ta' forza eċċessiva u l-maltrattament ta' detenuti fil-faċilitajiet tad-DGCIM minn membri tad-DGCIM taħt il-kmand tiegħu, b'mod partikolari fiċ-ċentru ta' detenzjoni tal-Boleita. Uffiċjali taħt l-awtorità tiegħu kienu wkoll implikati fi vjolenza sesswali kontra d-detenuti. Responsabbli wkoll għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili u l-oppożizzjoni demokratika minn membri tad-DGCIM taħt il-kmand tiegħu. Rappurtat li għandu konnessjoni mal-mewt tal-Kaptan Acosta Arévalo.	27.9.2019

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
24.	Alexander Enrique GRANKO ARTEAGA	Data tat-twelid: 25 ta' Marzu 1981 Numru tal-identità: V-14970215 Sess: raġel	Kap (Direttur) tad-Diviżjoni tal-Affarijiet Speċjali (DAE) tad-Direttorat Ġenerali tal-Kontrospjunaġġ Militari (Dirección General de Contrainteligencia Militar (DGCIM)) mill-2017. Kap tal-Uffiċċju taċ-ċentru ta' detenzjoni ta' Boleita tad-DGCIM mid-29 ta' Awwissu 2022. Mill-2017 sal-2022 huwa ordna, issorvelja u pparteċipa direttament f'detenzjonijiet arbitrarij, għajbien sfurzat għal żmien qasir, tortura, inkluż vjolenza sesswali, u trattament krudili, inuman jew degradanti ieħor. Promoss għall-grad ta' logutenent kurunell tal-Gwardja Nazzjonali Bolivarjana fl-1 ta' Lulju 2020. Responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż tortura, l-użu ta' forza eċċessiva li kkaġuna mewt u dannu, u l-maltrattament ta' detenuti fil-faċilitajiet tad-DGCIM li twettqu minnu stess u minn uffiċjali taħt il-kmand tiegħu. Responsabbli wkoll għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili minn membri tad-DGCIM taħt il-kmand tiegħu, u kien ukoll involut direttament f'din ir-repressjoni. Rappurtat li għandu konnessjoni mal-mewt tal-Kaptan Acosta Arévalo.	27.9.2019

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
25.	Hannover Esteban GUERRERO MIJARES	Data tat-twelid: 14 ta' Jannar 1971 Sess: raġel	Viċi Kmandant u Kap tal-Persunal tal-35 Brigata Militari tal-Pulizija mill-2019. Direttur tad-Direttorat Speċjali tal-Invstigazzjonijiet Kriminali u Kriminalistiċi (DEIPC) fid-Direttorat Ġenerali tal-Counter-Intelligence Militari (Dirección General de Contrainteligencia Militar (DGCIM)) minn Novembru 2018 sa Awwissu 2019. Bħala Direttur tad-DEIPC, huwa ssorvelja l-faċilità tad-DGCIM f'Boleita. Matul dan il-perjodu, twettqu atti ta' tortura u trattament krudili, inuman jew degradanti ieħor kif ukoll vjolenza sesswali minn uffiċjali tad-DGCIM f'Boleita. Responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż tortura, l-użu ta' forza eċċessiva u l-maltrattament ta' detenuti mwettqa minnu u minn membri taħt il-kmand tiegħu, b'mod partikolari f'Boleita. Rappurtat li għandu konnessjoni mal-mewt tal-Kaptan Acosta Arévalo.	27.9.2019

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
29.	Elvis Eduardo HIDROBO AMOROSO	Data tat-twelid: 4 ta' Awwissu 1963 Post tat-twelid: Caracas, Distrito Capital, Venezuela Numru tal-identità: V-7659695 Sess: raġel	President tal-Kummissjoni Elettorali Nazzjonali tal-Venezwela mill-24 ta' Awwissu 2023. Eks Kontrollur Ġenerali (bejn it-23 ta' Ottubru 2018 u Awwissu 2023), u eks l-Ewwel u t-Tieni Viċi President tal-Assemblea Kostitwenti Nazzjonali (ANC) mhux rikonoxxuta. L-azzjonijiet tiegħu dgħajfu d-demokrazija u l-istat tad-dritt fil-Venezwela, inkluż bil-projbizzjoni lill-membri tal-oppożizzjoni milli jokkupaw kariga pubblika għal 15-il sena u t-tmexxija tal-ANC mhux rikonoxxuta, l-iffirmar tal-"liġi kontra l-mibegħda", li tiġġustifika t-tneħħija ta' gvernatur tal-oppożizzjoni elett legalment u l-projbizzjoni ta' Juan Guaidó minn kwalunkwe kariga pubblika.	29.6.2020
31.	Jorge Elieser MÁRQUEZ MONSALVE	Data tat-twelid: 20 ta' Frar 1971 Post tat-twelid: Caracas, Venezuela Numru tal-identità: V-8714253 Sess: raġel	Ministru għall-Uffiċċju tal-Prezidenza minn Novembru 2017 u Direttur Ġenerali tal-Kummissjoni Nazzjonali tat-Telekomunikazzjoni(CONATEL) mis-7 ta' Awwissu 2017. L-azzjonijiet tiegħu dgħajfu d-demokrazija u l-istat tad-dritt fil-Venezwela, inkluż billi llimita serjament id-drittijiet tal-poplu Venezwelan għal-libertà tal-istampa, il-libertà tal-espressjoni u l-informazzjoni. Huwa uża s-setgħat speċjali tal-CONATEL biex isikket il-kritika u d-dissidenti lejn ir-reġim billi mblokka, iffiltra u ostakola s-siti web tal-internet, billi rrevoka l-liċenzji eżistenti għall-istazzjonijiet tar-radju u tat-televiżjoni u billi rrifjuta li jingħataw liċenzji ġodda.	29.6.2020

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
38.	Omar José PRIETO FERNÁNDEZ	Data tat-twelid: 25 ta' Mejju 1969 Numru tal-identità: V-9761075 Sess: raġel	Eks Gvernatur tal-Istat ta' Zulia (2017 - 2021). F'din il-pożizzjoni huwa dgħajjef id-demokrazija u l-istat tad-dritt fl-Istat ta' Zulia. Huwa ngħata l-ġurament mill-Assemblea Kostitwenti Nazzjonali (ANC) mhux rikonoxxuta, wara li r-rebbieħ leġittimu tal-elezzjoni rrifjuta li jieħu l-ġurament tal-ħatra quddiem l-ANC. Omar José Prieto Fernández ippromwova b'mod attiv l-elezzjonijiet mhux demokratiċi għall-Assemblea Nazzjonali, li saru fis-6 ta' Diċembru 2020. Barra minn hekk, huwa hedded lil mexxejja tal-oppożizzjoni bi "żjarat id-dar" fl-Istat ta' Zulia u ddikjara l-intenzjoni tiegħu li jekk gvern interim immexxi minn Juan Guaidó jieħu l-poter, huwa jiddikjara l-Istat ta' Zulia bħala indipendenti. Membru attiv tal-Partit Soċjalista Magħqud tal-Venezwela (PSUV).	22.2.2021

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
51.	Carlos Ramón Enrique CARVALLO GUEVARA	Numru tal-identità: V-10132041 Sess: raġel	President tal-intrapriża statali Corporación Ecosocialista Ezequiel Zamora (CORPOEZ) minn Marzu 2021. Ġeneral tad-Diviżjoni u Viċi Direttur tad-Direttorat Ġenerali tal-Counter-Intelligence Militari (Dirección General de Contrainteligencia Militar (DGCIM)) mill-21 ta' Awwissu 2020. Suċċessur tal-Ġeneral Rafael Ramón Blanco Marrero. Preċedentement, Carvallo Guevara serva fid-DGCIM fir-reġjun ta' Los Andes u okkupa kariga għolja fil-Gwardja Nazzjonali Bolivarjana. Responsabbli għall-ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fil-Venezwela mwettqa minn uffiċjali tad-DGCIM taħt il-kmand tiegħu. Fis-sejbiet tal-Missjoni Internazzjonali Indipendenti għat-Tiftix tal-Fatti fir-Repubblika Bolivarjana tal-Venezwela tal-20 ta' Settembru 2022, id-DGCIM huwa kkaratterizzat bħala istituzzjoni direttament responsabbli għat-twettiq ta' ksur gravi tad-drittijiet tal-bniedem.	22.2.2021

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
53.	Carlos Enrique TERÁN HURTADO	Numru tal-identità: V-8042567 Sess: raġel	Ġeneral tad-Diviżjoni tal-Armata Nazzjonali Bolivarjana tal-Venezwela mill-2022. Direttur tad-Direttorat Speċjali tal-Investigazzjonijiet Kriminali u Kriminalistiċi (DEIPC) fid-Direttorat Ġenerali tal-Counter-Intelligence Militari (Dirección General de Contrainteligencia Militar (DGCIM)) minn Awwissu 2019 sa Frar 2021. F'funzjonijiet preċedenti, il-Brigadier Ġeneral Terán Hurtado serva bħala kap tal-pulizija fl-istat ta' Falcón u kap tad-DGCIM fl-istat ta' Táchira. Responsabbli għall-ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż trattament krudili u inuman ta' detenuti, imwettqa minn uffiċjali tad-DGCIM taħt il-kmand tiegħu. Fis-sejbiet dettaljati tal-Missjoni Internazzjonali Indipendenti għat-Tiftix tal-Fatti fir-Repubblika Bolivarjana tal-Venezwela, il-Brigadier Ġeneral Terán Hurtado huwa speċifikament indikat bħala wieħed mill-atturi responsabbli, u huwa marbut mal-każ tal-Kaptan de la Sotta.	22.2.2021"